## EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2003

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

**ISEM:** ______________________________ **KLASSI** ______________

## TAQSIMA A

**Sib it-tifsira ta' dan il-kliem billi tpoġġi n-numru fil-kaxxa.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Miraklu | | hu sagrament li fih Ġesù jerġa jħabbibna miegħu. |
| 2. | L-Evanġelju | | hu l-ewwel ħames kotba tat-Testment il-Qadim. |
| 3. | Il-Pentatewku | | hu sagrament li bih insiru ulied Alla. |
| 4. | It-Testment il-Ġdid | | hu sinjal tas-Saltna t'Alla fid-dinja. |
| 5. | Il-Qrar | | fih ġabra ta' 27 ktieb. |
| 6. | L-Ewkaristija | | ifisser "Alla li jsalva". |
| 7. | L-isem "Ġesù" | | hu l-mod kif Ġesù kien isejjaħ lilu nnifsu. |
| 8. | Il-Magħmudija | | kienu nies jitkellmu f'isem Alla. |
| 9. | Bin il-Bniedem | | hu l-aħbar it-Tajba ta' Ġesù Kristu. |
| 10. | Il-profeti | | hi sagrament li bih Ġesù ried jibqa' magħna. |

**(20 marki)**

## TAQSIMA B

**Fisser dan il-kliem li qal Ġesù.**

1. "Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom." (Mt.5,44)

______________________________

______________________________

2. "Min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom." (Mt.10,43)

______________________________

______________________________

3. "Missier, jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi! Iżda mhux kif irrid jien, iżda kif trid int." (Mt. 26,39)

______________________________

______________________________

4. "Jiena nibqa' magħkom dejjem sa l-aħħar taż-żmien." (Mt.28,20)

______________________________

______________________________

5. "Jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni." (Mt.25,35)

______________________________

______________________________

**(20 marka)**

## TAQSIMA Ċ

**Aqra u wieġeb.**

### Ġesù jitma' ħamest elef ruħ

Ġesù telaq bid-dgħajsa u mar waħdu f'post imwarrab. Imma n-nies semgħu fejn mar, u telqu warajh bil-mixi mill-ibliet. X'ħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom, u fejqilhom il-morda tagħhom.

X'ħin sar filgħaxija d-dixxipli tiegħu resqu lejh u qalulu: "Dan il-post imwarrab, u l-ħin għamel sewwa. Ibgħathom lin-nies, ħa jmorru fl-irħula jixtru x'jieklu."

Imma Ġesù qalilhom: "Ma għandhomx għalfejn imorru; agħtuhom intom x'jieklu."
U huma qalulu: "Hawn ma għandiex ħlief ħames ħobżiet u żewġ ħutiet."

"Ġibuhomli hawn," qalilhom.

Imbagħad ordna lin-nies biex joqogħdu bilqiegħda fuq il-ħaxix; ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, refa' għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet u tahom lid-dixxipli , u d-dixxipli newluhom lin-nies.

U kulħadd kiel u xaba' u ġabru l-bċejjeċ li kien fadal u mlew bihom tnax-il qoffa. U kienu madwar ħamest elef raġel dawk li kielu, barra n-nisa u t-tfal.

1. Ġesù fejqilhom il-morda tagħhom għax
   - a. talbuh huma.
   - b. tħassarhom.
   - ċ. ried xi ħaġa minnhom.

2. In-nies baqgħu ma' Ġesù
   - a. sa nofsinhar.
   - b. sa wara nofsinhar.
   - ċ. sa filgħaxija.

3. Ġesù qal lill-appostli biex
   - a. isajrulhom ikla tajba.
   - b. jagħtuhom huma x'jieklu.
   - ċ. imorru jixtru ħobż għal kulħadd

4. Kemm kellhom ħobż u ħut?

   ______________________________

5. X'għamel Ġesù bil-ħobż u l-ħut?

   ______________________________

6. Kemm-il qoffa mlew wara li kulħadd kiel u xaba'?

   ______________________________

7. Kemm kien hemm nies li kielu mill-ikel li tahom Ġesù?

   ______________________________

8. Kompli: Ġesù għamel dan il-miraklu biex jurina li

______________________________________________

9. Kompli: Il-ħobż li Ġesù jagħti lilna llum huwa

______________________________________________

10. Fisser din is-sentenza ta' Ġesù: "Jiena hu l-ħobż tal-ħajja."

______________________________________________

**(20 marka)**

## TAQSIMA D

**Ġesù kien jgħallem bil-parabboli.**

a. X'inhi parabbola?

______________________________________________

______________________________________________ (5 marki)

b. Irrakkonta parabbola milli qal Ġesù li lilek togħġbok l-iżjed.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (10 marki)

ċ. X'ried jgħallem Ġesù bil-parabbola li għażilt?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (5 marki)

## TAQSIMA E

**Agħmel sinjal taħt it-tajba**

1. Ġesù kien (Ruman, Grieg, Lhudi).
2. (L-Italja, Il-Greċja, Il-Palestina) huwa l-pajjiż fejn twieled Ġesù.
3. In-naħa t'isfel tal-Palestina fejn twieled Ġesù tissejjaħ (Lhudija, Samarija, Galilija).
4. L-akbar festa tal-Lhud li fiha kienu jfakkru l-ħelsien mill-Eġittu hija l-festa ta' (l-Għerejjex, l-Għid, l-Għid il-Ħamsin).

5. Jum is-Sibt, il-Lhud u Ġesù kienu jmorru jitolbu (fis-sinagoga, fil-knisja, fil-moskea).
6. San Mattew, San Mark, San Luqa u San Ġwann huma l-erba' (profeti, evanġelisti, slaten).
7. Ix-xmara li fiha tgħammed Ġesù hija (n-Nil, t-Tigri, l-Ġordan).
8. Il-belt kapitali fejn miet Ġesù hija (Betlem, Nażaret, Ġerusalemm).
9. Il-gvernatur Ruman li kien jikkmanda fil-Palestina meta miet Ġesù kien (Erodi, Anna, Ponzju Pilatu).
10. L-ogħla awtorità Lhudija fil-Palestina kien (Ġużeppi minn Arimatea, San Pawl, is-Sinedriju).

**(10 marki)**

## TAQSIMA F

Agħżel **<u>WAĦDA</u>** minn dawn it-tnejn.

1. Żakkew kien pubblikan u kien joqgħod Ġeriko. Hu xtaq jara lil Ġesù. Irrakkonta l-istorja ta' Żakkew u x'wiegħed li jagħmel biex Ġesù jieħu pjaċir bih.

2. Għid fi kliemek il-ġrajja tal-passjoni ta' Ġesù Kristu wara li ġie kkundannat għall-mewt u x'talab lil Missieru għal dawk li sallbuh.

**(10 marki)**